**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' Gunju, 2021**

**Rikors nru: 116/20 AGV**

ABC

**Vs**

**DC, EF, kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri GC, HC, IC u JC u Dr. Charmaine Cherett u PL Hilda Ellul Mercer nominati b'digriet tas-26 ta' Jannar, 2021, u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Il-Qorti rat ir-rikors guramentat ta' ABC datat 13 ta' Awwissu 2020, fejn ippremettiet is-segwenti :-**

1. Illi l-esponenti u l-intimat zzewwgu nhar is-sittax ta’ Novembru tas-sena elfejn u tnax u dan hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. EM 01.

2. Illi nhar it- 23 ta’ Gunju 2016 twieled GC, nhar it- 2 ta’ Ottubru 2017 twieled HC, nhar l-24 ta’ Jannar 2019 twieled I u nhar it- 3 ta’ April 2020 twieled J, hekk kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid, li qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala EM 02, EM 03, EM 04 u EM 05. U minn fejn jirrizulta li DC huwa missier l-istess ulied;

3. Illi ghalkemm fic-certifikati tat-twelid imsemmija gie ddikjarat il-missier il-minuri hu DC, l-esponenti ilha de facto separata minn DC u ilha tghix hajja kompletament separata ghal diversi snin, tant illi hija stabbilit relazzjoni ma’ EF. Illi minhabba prezunzjonijiet legali naxxenti mil-Ligi, partikolarment l-Artikolu 67 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligjiet ta’ Malta), l-istess minuri gew registrati bhala ulied DC;

4. Illi l-minuri gew koncepiti fil-kors tar-relazzjoni li l-esponenti kellha mal-intimat iehor EF;

5. Illi l-intimat DC ma huwiex il-missier naturali tal-minuri u dan peress illi l-missier naturali, huwa EF, liema stat ta’ fatt huwa accettat mil-partijiet f’ din il-kawza u li ser tigi ppruvata waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
6. Illi l-attrici ghandha interess li l-minuri ma jibqghux registrati fuq isem DC stante li l-istess zewgha mhux il-missier naturali tal-minuri, u dan kif jirrizulta mit-testijiet genetici li qed jigu hawn annessi u mmarkati Dok EM 06- EM 09, li lkoll jindikaw li l-minuri huma l-ulied naturali u bijologici ta’ EF;

7. Illi l-imsemmija minuri qatt ma setghu kienu ulied l-imsemmi DC, peress li kienu qed jghixu hajja kompletament separata u ma kien hemm l-ebda kuntatt fiziku bejn il-kontendenti u dan ai termini tal-Artikolu 77 tal-Kodici Civili , Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u missier il-minuri huwa EF;

8. Illi l-esponenti ottjeniet l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex tistitwixxi din il-kawza odjerna u dan kif jirrizulta mid-digriet li qed jigi hawn anness bhala Dok EM 10;

9. Illi ghaldaqstant l-esponenti kellha tintavola din il-kawza.

10. Illi l-esponenti taf b' dawn il-fatti personalment.

**Illi ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti qieghda umilment titlob lil din Onorabbli Qorti sabiex:-**

1. Tiddikjara li l-missier naturali ta' GC li twieled nhar it- 23 ta Gunju 2016, HC li twieled nhar it- 2 ta' Ottubru 2017 , IC li twieled nhar l-24 ta' Jannar 2019 u JC li tweield nhar it- 3 ta' April 2020, m' humiex ulied DC;
2. Tiddikjara li l-minruri G ,H, I u JC huma kollha ulied EF;
3. Tordna li l-konvenut Direttur Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fic-certifikati tat-twelid tal-minuri, HC Att nur; 3429/ 2016, u jigi kancellat l-isem DC, il-konnotati kollha tieghu, u l-kelma ' the said', u minflok jitnizzlu fil-kolonna missier it-tarbija, l-isem u kunjom EF u l-konottati tieghu;
4. Tordna li l-konvenut Direttur Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri, HC, Att nru. 6392/ 2017, u jigi kancellat l-isem DC, il-konnotati kollha tieghu, u l-

kelma ‘ the said’, u minflok jitnizzlu fil-kolonna missier it-tarbija, l-isem u kunjom EF u l-konottati tieghu;

**5.** Tordna li l-konvenut  Direttur Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessrarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri, IC, Att nru; 779/ 2019, u jigi kancellat l-isem  DC il-konnotati kollha tieghu, u l-kelma ‘ the said’, u minflok jitnizzlu fil-kolonna missier it-tarbija, l-isem u kunjom EF u l-konottati tieghu;

**6.** Tordna li l-konvenut  Direttur Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri, JC Att nru; 2342/ 2020, u jigi kancellat l-isem  DC, il-konnotati kollha tieghu, u l-kelma ‘ the said’, u minflok jitnizzlu fil-kolonna missier it-tarbija, l-isem u kunjom EF, u l-konottati tieghu;

7. Tordna li c-certifikati tal-minuri G, H, I u J ahwa C, jitnizzlu u jkunu maghrufa bil-kunjom, ‘F’.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti  in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 12 ta’ Frar 2021 fejn Dr Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur kkonferma dan li gej:-**

1. Illi l-esponent mhux edott mill-fatti hekk kif gew dikjarati fir-rikors guramentat.
2. Illi fil-mertu, l-esponent jeccepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni ir-rikorrenti trid tipprova li fiz-zmien bejn tlett mitt gurnata u l-mija u tmien gurnata qabel it-twelid tal-minuri G, H, I u J, hija kellha relazzjoni extra maritali ma’ EF u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista’  ukoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li jeskludu lil  DC bhala l-missier

naturali tal-minuri, u dan ai termini tal-Artikolu 77 B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijet ta' Malta;

3. Illi fil-premess numru sitta tar-rikors guramentat, taghha r-rikorrenti tispjega li diga' saru xi testijiet tad-DNA li jistabilixxu li l-missier naturali ta' G, H, I u J huwa l-intimat EF. Madankollu jidher li jonqos li jigu mahluf mil-espert tekniku li ghamel l-istess testijiet;
4. Illi bla hsara ghas-suespost, f' kaz li jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lil EF, sabiex jipprezenta d-dettalji personali tieghu permezz ta' nota li tispecifika senjatament, a. In-numru tal-karta tal-identita' , 2 ismu u kunjomu. 3. L-eta' tieghu meta twieldu il-minuri. 4. Il-post tat-twelid tieghu. 5. Il-post tar-residenza tieghu meta twieldu l-minuri, 6. Isem u kunjom il-genituri tieghu. 7. Jekk l-imsemmijin genituri kienux hajjin meta twieldu l-minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega sabiex tigi inserita fl-att tat-twelid tal-minuri, G, H, I u J C.
5. Illi bla pregudizzju ghal premess, f' kaz li jintlaqghu t-talbiet attrici, l-esponenti jirrileva illi l-partijiet ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandhom jassumu l-minuri;
6. Illi finalment u minghajr pregudizzju ghas-succepit, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhix attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent, u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, ingunta minn issa in subizzjoni.**

Il-Qorti rat in-nota ta' DC datata 16 ta' Frar 2021 fejn permezz taghha qed jammetti it-talbiet attrici in kwantu li l-minuri GC, HC, IC u J C ma humiex

ulied naturali tieghu izda tal-konvenut l-iehor EF, u ghaldaqstant ma ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-procedura.

**Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata ta' EF datata 22 ta' Frar 2021, fejn espona bir-rispett u kkonferma illi:-**

1. Illi l-esponenti qed jaghti ruhu b' notifikat ghar-rikors guramentat tar-rikorrenti ABC;
2. Illi l-esponenti qed jaqbel mal-kontenut tar-rikors guramentat u li r-rikorrenti kellha erba' ulied bl-ismijiet G, H, I u J li twieldu barra z-zwieg taghha minn ma' DC,  u li ghalhekk dawn l-ulied ma humiex l-ulied naturali ta' bejn ir-rikorrenti u DC;
3. Illi l-esponenti ma jikkontestax ir-rizultati tad-DNA tests esebiti flimkien mar-rikors guramentat u fil-fatt jikkonferma li G, H, I u J, huma fil-fatt uliedu;
4. Illi l-esponenti ma joggezzjonax ghat-talbiet tal-attrici salv ghal ispejjez u ghalhekk il-kunjom li G, H, I u J ghandu jaqra  "F" u mhux ' C'.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk   ikun il-kaz.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

L-attrici ipprezentat dina l-kawza fejn qed titlob li jigi ddikjarat li EF huwa l-missier naturali u bijologiku ta' uliedha G, H, I u JC.

Il-fatti tal-kaz huma fil-qosor is-segwenti. L-attrici kienet mizzewwga ma' DC u fiz-zmien meta kienet *de facto* sseparata minn mieghu kienet bdiet relazzjoni ma' EF u f'dak il-perjodu kollu ma kienx hemm kuntatt fiziku u relazzjonijiet intimi mal-konvenut DC.

L-attrici pprezentat ir-rizultati tat-testijiet tad-demm li nzammu minn Christopher Farrugia, minn fejn irrizulta li l-missier naturali u bijologiku tal-erba' ulied kien il-konvenut EF.

Dawn il-fatti gew ikkonfermati kemm mill-konvenut DC, kif ukoll EF.

Illi ghalhekk f'din il-kawza ma hemmx kontestazzjoni fuq dawn il-fatti, u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti, b'dana pero' li l-konvenut EF ghandu jezebixxi nota bid-dettalji li ghandhom jitnizzlu fic-certifikati tat-twelid tal-minuri.

L-ispejjes ghandhom jnqasmu bin-nofs bejn l-attrici u l-konvenut EF.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Deputat Registratur**